

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.2.2008
KUMM(2008) 85 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

**Il-Ħames Rapport dwar iċ-Ċittadinanza ta' l-Unjoni
(1 ta' Mejju 2004 – 30 ta' Ġunju 2007)**

[SEC(2008) 197]

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

Il-Flames Rapport dwar iċ-Ċittadinanza ta' l-Unjoni (1 ta' Mejju 2004 – 30 ta' Ġunju 2007)

1. INTRODUZZJONI

Aktar u aktar ċittadini Ewropej qed jistudjaw, jiżżewġu, jgħixu jew jaħdmu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini. Mill-1 ta' Jannar, 2006, kien hemm madwar 8.2 miljun ċittadin ta' l-UE li kienu qed jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jkollhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor¹.

Ir-riżultati ta' l-istħarriġ ta' l-opinjoni pubblika Flash Eurobarometer 2007 dwar iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea² juru li l-Ewropej fil-biċċa l-kbira huma konxji mill-istatus tagħhom ta' ċittadini ta' l-Unjoni iżda jixtiequ jkunu infurmati aħjar dwar id-drittijiet tagħhom. Aktar minn tliet kwarti taċ-ċittadini ta' l-UE semgħu bit-terminu "ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea" u huma konxji li iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea tinkiseb awtomatikament billi wieħed ikun ċittadin ta' Stat Membru. 90% jafu li huma fl-istess ħin ċittadini ta' l-Unjoni u ta' l-Istat Membru.

Wieħed jista' jinnota titjib sinifikanti matul l-aħħar 5 snin fil-kuxjenza ġenerali ta' l-Ewropej dwar l-istatus tagħhom ta' ċittadini ta' l-Unjoni. Meta mqabbla ma' l-2002, din is-sena madwar 8% ta' l-Ewropej qalu li huma familjari mat-terminu "ċittadin ta' l-Unjoni" u li jafu xi jfisser filwaqt li 15% aktar huma konxji li iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni tinkiseb awtomatikament meta wieħed ikun ċittadin ta' Stat Membru.

Madankollu, anqas minn terz (31%) ta' dawk li rrispondew iħossuhom "infurmati tajjeb" dwar id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini ta' l-Unjoni.

Il-Kummissjoni tqiegħed liċ-ċittadin fil-qalba tal-politika tagħha u ser tkompli tinforma liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom u tiżgura li huma jibbenefikaw minn dawn il-libertajiet ma' l-Unjoni kollha.

L-Artikolu 22 tat-Trattat tal-KE jeżiġi li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kull tliet snin dwar l-applikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet tat-Tieni Parti tat-Trattat li titkellem dwar iċ-Ċittadinanza ta' l-Unjoni. Dan il-Flames Rapport jeżamina l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-perjodu mill-1 ta' Mejju, 2004 sat-30 ta' Ġunju, 2007, skond l-iżvilupp ta' l-Unjoni u jqis il-ħtieġa li jissaħħu d-drittijiet mogħtija liċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

Ir-rapport jikkonċentra fuq is-sustanza legali tad-drittijiet taċ-ċittadini, jiġifieri **d-dritt tal-moviment u r-residenza ġewwa l-UE** (Artikolu 18), **id-dritt għall-vot u għall-kandidatura f'elezzjonijiet Ewropej u muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza** (Artikolu 19), **id-dritt għall-protezzjoni diplomatika u konsulari f'pajjiżi terzi** (Artikolu 20), **id-dritt għall-**

¹ Stimmi ta' l-Ewrostat (ara l-Appendiċi ta' dan ir-rapport)

² Flash Eurobarometer 213

petizzjoni lill-Parlament Ewropew (PE) u d-dritt ta' rikors għall-Ombudsman (Artikolu 21). Barra minn dan, ir-rapport iqis ukoll il-progress li kien hemm f'oqsma li għandhom x'jaqsmu mill-qrib maċ-ċittadinanza f'sens usa', bħal trattament ugwali fir-rigward taċ-ċittadinanza u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

2. IĊ-ĊITTADINANZA TA' L-UNJONI

2.1. Problemi relatati mal-kisba u t-telf taċ-ċittadinanza

It-Trattat tal-KE jgħid li kull persuna li jkollha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru għandha tkun ċittadina ta' l-Unjoni u li ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni tikkumplimenta u ma tissostitwix iċ-ċittadinanza nazzjonali (Artikolu 17(1)). Id-Dikjarazzjoni Nru 2, meħmuża mat-Trattat tal-KE, tistabbilixxi dwar jekk persuna jkollhiex iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru billi din tkun determinata biss b'referenza għar-regoli taċ-ċittadinanza ta' Istat Membru interessat, u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) ikkonfermat li l-kisba jew it-telf taċ-ċittadinanza jaqgħu fil-kompetenza ta' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' lmenti, rapporti mingħand organizzazzjonijiet mhux governattivi, petizzjonijiet u mistoqsijiet mill-PE dwar problemi f'xi Stati Membri marbutin mal-kisba u t-telf taċ-ċittadinanza.

B'mod partikulari, il-Kummissjoni taf bil-kwistjonijiet tal-persuni li jappartjenu lill-minoranza li titkellem ir-Russu fl-**Estonja u fil-Latvja** li huma meqjusin li "**m'humix ċittadini**", u bil-qagħda ta' "**persuna mħassra**" fis-**Slovenja**. Kwistjoni oħra li tqajmet hija dwar **l-estensjoni taċ-ċittadinanza lil ċittadini ta' pajjiż ieħor** abbażi, *inter alia*, li jkunu membri ta' komunità etnika.

Il-Kummissjoni m'għandha ebda setgħa li tittratta l-kwistjoni tal-kisba jew it-telf taċ-ċittadinanza. Iżda skond il-mandat li għandha, il-Kummissjoni fittxet li tagħti sehemha għal soluzzjonijiet marbutin ma' din il-kwistjoni billi mexxiet 'il quddiem l-integrazzjoni u billi użat l-istrumenti Komunitarji għad-dispożizzjoni tagħha bħal dak li jiżgura li Stati Membri jimplementaw b'mod strett il-liġijiet tal-KE kontra d-diskriminazzjoni.

2.2. Aċċess għaċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni

Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni tinġieb bl-akkwist taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru. Mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-Istati Membri waħidhom jibqgħu kompetenti fil-qasam tal-liġijiet dwar iċ-ċittadinanza, il-Kunsill ta' Tampere ta' l-1999 approva *'il-mira li ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu ilhom legalment residenti għandhom jingħataw l-opportunità li jiksbu ċ-ċittadinanza ta' l-Istat Membru li fih ikunu residenti'*.

Fl-2004, il-Kunsill adotta l-**Prinċipji Bażiċi Komuni (PBK) fuq l-Integrazzjoni** biex jgħin lill-Istati Membri jifformulaw politika ta' integrazzjoni³. Wieħed minn dawn jgħid li l-parteċipazzjoni ta' immigranti fil-proċess demokratiku u fil-formulazzjoni ta' politika u miżuri ta' integrazzjoni ssostni l-integrazzjoni tagħhom. Fl-2005, il-Kummissjoni adottat '**Aġenda Komuni għal Integrazzjoni**' li tipproponi miżuri biex il-Prinċipji Bażiċi Komuni jitqiegħdu fil-prattika⁴. Ressqet suġġerimenti bħal, fuq livell nazzjonali, l-elaborazzjoni ta' programmi ta' tħejjija dwar ċittadinanza u naturalizzazzjoni u, fuq livell ta' l-UE, il-promozzjoni ta' riċerka u djalogu dwar kwistjonijiet ta' identità u ċittadinanza. It-Tielet

³ Dokument tal-Kunsill 14615/04

⁴ COM(2005) 389

Rapport Annwali dwar il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni⁵ jikkonferma l-importanza ta' diversi forom ta' ċittadinanza parteċipattiva għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-politika ta' integrazzjoni fl-UE bil-promozzjoni ta' l-unità fid-diversità, adottati f'Ġunju, 2007, isejħu lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex jesploraw u jiċċaraw id-diversi kunċetti ta' parteċipazzjoni u ċittadinanza u biex jiskambjaw esperjenzi dwar sistemi ta' naturalizzazzjoni.

2.3. Il-promozzjoni taċ-ċittadinanza Ewropea

Iċ-ċittadini għandhom ikunu jafu dwar iċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom, il-benefiċċji tagħha, kif ukoll dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħha, jekk għandhom jiżviluppaw sens ta' identità Ewropea u jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom lill-integrazzjoni Ewropea. Inizjattivi bħall-**Programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' ċittadinanza Ewropea attiva**⁶, li kien implimentat matul il-perjodu 2004-2006, u l-**Programm ta' Ewropa għaċ-ċittadini**⁷ għall-perjodu 2007-2013, jagħtu lill-Unjoni strumenti importanti biex tmexxi 'l quddiem ċittadinanza Ewropea attiva.

3. IL-LIBERTÀ TAL-MOVIMENT U D-DRITT TA' RESIDENZA

3.1. Rapport fuq it-tliet direttivi dwar id-dritt ta' residenza ta' ċittadini ta' l-Unjoni li mhumiex ekonomikament attivi

F'April, 2006, il-Kummissjoni adottat it-tielet rapport tagħha⁸ dwar l-applikazzjoni tat-tliet Direttivi⁹ dwar id-dritt ta' residenza ta' ċittadini ta' l-UE li jkunu studenti u persuni li mhumiex ekonomikament attivi jew li huma rtirati, li jkopri l-perjodu mill-2003 sa l-2005.

3.2. Id-Direttiva 2004/38: riinfurzar taċ-ċittadinanza

L-aktar żvilupp importanti f'dan il-qasam kien id-dħul fis-seħħ, fit-30 ta' April, 2006, tad-Direttiva 2004/38 fuq id-dritt tal-moviment u tar-residenza b'mod liberu taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom fit-territorju ta' l-Istati Membri. Id-Direttiva:

- tikkodifika f'istrument wieħed il-korp leġiżlattiv kumpless u l-ġurisprudenza rikka tal-ECJ u toħloq reġim legali wieħed fil-kuntest taċ-ċittadinanza,
- tħaffef l-eżerċizzju tad-dritt tar-residenza billi tissimplifika l-kundizzjonijiet u l-formalitajiet (eż. billi tneħħi s-sistema ta' permessi ta' residenza għal ċittadini Ewropej),
- tirrinforza d-drittijiet tal-membri tal-familja (eż. billi testendi d-drittijiet tar-rinunifikazzjoni tal-familja lill-imsieħba reġistrati),

⁵ COM(2007) 512

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar, 2004

⁷ Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2006, li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm 'L-Ewropa taċ-ċittadini' biex tippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva

⁸ COM(2006) 156 finali

⁹ Id-Direttivi 93/96, 90/364 u 90/365, imħassrin bid-Direttiva 2004/38

- toħloq dritt permanenti mingħajr kundizzjoni ta' residenza wara ħames snin ta' residenza kontinwa skond il-liġi fl-Istat Membru ospitanti u
- iżżid il-protezzjoni kontra t-tkeċċija ta' ċittadini Ewropej u membri tal-familji tagħhom abbażi ta' l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika.

Iċ-ċittadini jkunu jistgħu biss jeżerċitaw għal kollox id-drittijiet imsaħħa tagħhom jekk ikunu mgħarrfin sewwa dwarhom. Il-"**Gwida għall-aħjar riżultati tad-Direttiva 2004/38/KE**" għandha l-għan li tgħin liċ-ċittadini ta' l-Unjoni jkunu aktar midħla tal-liġijiet billi tipproduċihom f'lingwa li tinftiehem aktar¹⁰. Aktar minn 16 000 kopja tal-gwida f'19-il lingwa tqassmu ma' l-UE kollha.

Il-**kontroll ta' l-implimentazzjoni korretta tad-Direttiva** huwa prijorità assoluta għall-Kummissjoni¹¹. Bejn Ġunju 2006 u Frar 2007, infetħu 19-il **proċedura ta' ksur** minħabba **nuqqas ta' komunikazzjoni** ta' miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali: f'Ġunju 2007, 15 minnhom kienu miftuħin, li 4 minnhom kienu riferuti lill-ECJ. Fl-2007 il-Kummissjoni nidiet studju biex tiġi eżaminata **l-konformità ta' miżuri ta' trasport**. Ċerti oqsma ta' problema ta' implimentazzjoni ħażina tad-Direttiva kienu, iżda, diġà ġew identifikati abbażi ta' lmenti individwali, petizzjonijiet u mistoqsijiet tal-PE.

Membri tal-familja minn pajjiżi terzi jkomplu jiltaqgħu ma' problemi, mhux biss dwar permess biex jidħlu imma wkoll dwar il-ħruġ ta' karti ta' residenza. Huma jkollhom id-dritt li jirresjedu ma' ċittadini ta' l-Unjoni abbażi biss tar-rabta familjari iżda xi Stati Membri jeżiġu li huma jippreżentaw dokumenti jew jgħaddu minn proċeduri li d-Direttiva ma tippermettilhomx. Il-Kummissjoni kienet tuża u tkompli tibqa' tuża s-setgħat tagħha skond l-Artikolu 226 KE biex tiżgura l-konformità mad-Direttiva.

Ħafna lmenti huma dwar ostakli għall-moviment liberu li ċittadini ta' l-Unjoni jiltaqgħu magħhom waqt li jkunu jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor minħabba **d-dokumenti mitluba mill-awtoritajiet tal-fruntieri u kumpaniji ta' l-ajru**. F'Ġunju, 2005, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri kollha biex jivverifikaw li l-liġijiet u l-prattika nazzjonali, inklużi r-regoli u r-regolamenti applikati għal u minn kumpaniji ta' l-ajru, ikunu konformi mal-liġijiet tal-KE. Wara l-intervent tal-Kummissjoni, essenzjalment ma kienx hemm ilmenti aktar f'dan il-qasam partikulari.

F'għadd ta' sentenzi¹² l-ECJ fakkret li d-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru jingħata direttament lil kull ċittadin ta' l-Unjoni bl-Artikolu 18 KE u saħqet fuq il-ħtieġa li l-moviment liberu jkun interpretat skond id-drittijiet fundamentali u b'mod partikulari d-dritt tal-protezzjoni tal-ħajja familjari u l-prinċipju tal-proporzjonalità.

3.3. Arranġamenti tranżitorji fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema

Arranġament tranżitorji għal perjodu massimu ta' 7 snin, maqsumin fi tliet fażijiet distinti, japplikaw bħalissa għaċ-ċittadini ta' 8 Stati Membri li aċċedew fl-1 ta' Mejju, 2004¹³

¹⁰ http://ec.europa.eu/commission_barroso/frattini/doc/guide_2004_38_ec_en.pdf

¹¹ COM(2006) 333 Komunikazzjoni finali mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew - Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' l-Aja għall-2005

¹² Ara, *inter alia*, il-Kawżi C-200/02 Chen, C-215/03 Oulane, C-157/03 Kummissjoni vs Spanja, C-503/03 Kummissjoni vs Spanja, C-258/04 Ioannidis, C-1/05 Jia, C-50/06 Kummissjoni vs l-Olanda.

¹³ Ħlief għal Ċipru u Malta

(UE-8) u għaċ-ċittadini tal-Bulgarija u r-Rumanija wara li pajjiżhom jaċċedi fl-I ta' Jannar, 2007.

Sa Mejju, 2007, disgħa minn ħmistax-il Stat Membru¹⁴ kienu fetħu s-swieq tax-xogħol tagħhom għaċ-ċittadini ta' tmien Stati Membri ta' l-UE u għaxra minn *ħamsa u għoxrin* Stat Membr fetħu s-swieq tax-xogħol tagħhom għal ċittadini Bulgari u Rumani¹⁵. Stati Membri oħra jirrestrinġu l-aċċess minn ħaddiema minn dawn il-pajjiżi skond il-liġi nazzjonali billi japplikaw skema ta' permess tax-xogħol, għalkemm ta' sikwit b'modifikazzjonijiet u bi proċeduri simplifikati.

Il-Kummissjoni ppreżentat **rapport fuq it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tranżitorji**¹⁶ fl-2006. Il-Kummissjoni kkonkludiet li flussi ta' mobbiltà kienu limitati ħafna u li flussi bħal dawn instab li kellhom effetti pożittivi fuq l-ekonomiji tal-15-il Stat Membru ta' l-UE. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jitqies sewwa jekk hux meħtieġ li r-restrizzjonijiet jissoktaw, fid-dawl tal-qagħda tas-suq tagħhom tax-xogħol u mix-xhieda tar-rapport.

3.4. Kwistjonijiet oħra

Ħafna ċittadini ta' l-Unjoni ħadu l-opportunità tal-possibbiltà li jibbenefikaw mid-drittijiet tal-moviment liberu bħal dawk li japplikaw fl-UE anki fl-**Isvizzera** skond il-Ftehim bejn il-KE u l-Istati Membri tagħha u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq il-libertà tal-moviment ta' persuni¹⁷. Mill-1 ta' Ġunju, 2007, ċittadini ta' l-Ewropa mill-15-il Stat Membru, Ċipru u Malta, jistgħu jmorru l-Iżvizzera u jirresjedu hemm mingħajr ebda restrizzjonijiet. In-negozjati dwar l-adattament tal-Ftehim taż-ŻEE li jagħmlu d-Direttiva 2004/38 applikabbli fl-Istati Membri ta' l-EFTA (Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżlanda) għadhom għaddejjin.

Dwar il-kwistjoni tar-**ripatrijazzjoni ta' fdalijiet mortali**, li tqajmet bosta drabi mill-PE u fir-raba' Rapport dwar iċ-Ċittadinanza, is-servizzi ta' funeral huma inklużi fl-ambitu tad-Direttiva dwar Servizzi fis-Suq Intern (id-**Direttiva 2006/123**). Waqt li dan ma jirrappreżentax dispożizzjoni għall-UE kollha li tirregola b'mod uniformi r-ripatrijazzjoni ta' fdalijiet mortali, jagħmilha eħfef għal fornituri li jwettqu attivitajiet bħal dawn minn pajjiż għal ieħor.

4. DRITTIJET ELETTORALI

4.1. Rappurtaġġ dwar l-elezzjonijiet ta' l-2004 għall-PE u tħejjijiet għall-elezzjonijiet ta' l-2009

F'Diċembru 2006, il-Kummissjoni adottat **rapport fuq l-elezzjonijiet ta' l-2004 għall-PE**.¹⁸ Waqt li t-tendenza ġenerali turi tnaqqis fil-parteċipazzjoni f'elezzjonijiet għall-PE (45% fl-2004, 50% fl-1999 u 56% fl-1994), kienet innutata żieda fil-parteċipazzjoni ta' ċittadini mill-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' l-oriġini tagħhom. Aktar minn

¹⁴ Il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugal, l-Olanda, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit

¹⁵ Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Sovakkja, is-Slovenja u l-Iżvezja

¹⁶ COM(2006) 48 finali

¹⁷ ĠU L 114, 20.4.2002

¹⁸ COM(2006)790 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Elezzjonijiet Ewropej 2004 – Rapport tal-Kummissjoni dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-Istat Membru ta' residenza (id-Direttiva 93/109) u dwar l-arranġamenti elettorali (id-Deċiżjoni 76/787 kif emendata bid-Deċiżjoni 2002/772)

miljun ċittadin ta' l-Unjoni rreġistraw biex jivvutaw fl-Istat tagħhom ta' residenza fl-2004, u dan jirrappreżenta kważi 12%, imqabbel ma' 5.9% fl-1994 u 9% fl-1999. Iż-**żieda fil-parteeċipazzjoni** tispjega ruħha mill-fatt li kien hemm aktar mobbiltà fl-UE u sforzi minn Stati Membri biex jinfurmaw liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom. Iżda **anqas minnhom ħerġin bħala kandidati**: 62 fl-1999 ma' 57 fl-2004 (li minnhom tlieta kienu eletti). L-ispjegazzjonijiet għall-ġhadd baxx ta' kandidati li ma jkunux mill-pajjiż jinkludu l-proċedura komplikata għar-reġistrazzjoni ta' kandidati pprovduta bħalissa mid-Direttiva 93/109¹⁹.

Fi sforz biex tħoll il-problemi msemmija fir-Rapport, il-Kummissjoni fl-istess ħin ipproponiet li temenda d-Direttiva 93/109 billi ddaħħal miżuri li **jnaqqsu l-piż minn fuq il-kandidati u l-Istati Membri** waqt li tipprovdi l-garanziji meħtieġa kontra l-abbużi²⁰.

4.2. Żviluppi fil-ġurisprudenza

Fis-sentenzi tat-12 ta' Settembru, 2006²¹, il-QĠE seħqet li bħalissa huma l-Istati Membri li għandhom jirregolaw aspetti tal-proċedura elettorali tal-PE li mhix armonizzata f'livell Komunitarju, u b'mod partikulari li jiddefinixxu l-persuni intitolati li jivvotaw u li joħorġu bħala kandidati. Iżda meta jagħmlu dan huma għandhom jirrispettaw il-liġijiet ta' l-UE, inklużi l-prinċipji ġenerali tagħhom. Dan ma jħallix li jkun hemm differenzi fit-trattament ta' ċittadini li jkunu f'sitwazzjonijiet komparabbli, sakemm dik id-differenza ma tkunx ġustifikata b'mod oġġettiv.

4.3. Partiti politiċi f'livell Ewropew

F'Ġunju 2007, il-Kummissjoni adottat proposta biex tħalli jitwaqqfu fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Il-proposta temenda r-Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar partiti politiċi f'livell Ewropew u l-finanzjament tagħhom. Hija msejsa fuq l-Artikolu 191 KE, li jirrikonoxxi li l-partiti politiċi f'livell Ewropew huma fattur importanti ta' integrazzjoni u li jagħtu sehemhom biex jissawwar għarfien Ewropew u biex tintwera r-rieda taċ-ċittadini ta' l-Unjoni. B'kollox għaxar partiti politiċi f'livell Ewropew jirċievu fondi permezz tar-Regolament, li huma amministrati mill-PE. Għall-finijiet tal-partiti politiċi f'livell Ewropew, il-baġit kien iffissat għal EUR 10.4 miljuni fl-2007.

4.4. Parteeċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini ta' l-Unjoni fil-ħajja politika ta' l-Istat Membru tar-residenza tagħhom

Biex tiżgura li ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom elettorali fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom f'elezzjonijiet muniċipali u Ewropej, bl-istess kundizzjonijiet bħal ta' ċittadini nazzjonali, il-Kummissjoni qed teżamina l-liġijiet ta' dawk l-Istati Membri li **l-liġijiet nazzjonali tagħhom ma jħallux lil ċittadini ta' l-Unjoni mhux nazzjonali li jsiru membri ta' partiti politiċi u/jew li jwaqqfu partiti politiċi**. L-esklużjoni ta' ċittadini Ewropej milli jwaqqfu jew isiru membri ta' partit politiku fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom tista' tfixkilhom fl-eżerċizzju effettiv tad-dritt tagħhom li joħorġu bħala kandidati. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istati Membri interessati li jneħħu restrizzjonijiet bħal dawn u għandha, fejn ikun meħtieġ, tuża s-setgħat tagħha skond l-Artikolu 226 KE.

¹⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini

²⁰ COM(2006)791

²¹ C-145/04 Spanja vs Ir-Renju Unit u C-300/04 Eman u Sevinger

Rapporti preċedenti fuq iċ-ċittadinanza jagħtu prominenza lit-tħassib ta' ħafna ċittadini ta' l-Unjoni dwar il-fatt li fl-Istati Membri kważi kollha, ċittadini ta' l-Unjoni mhux nazzjonali huma mċaħħdin **mid-dritt li jipparteċipaw f'elezzjonijiet nazzjonali jew reġjonali** fil-pajjiż tagħhom ta' residenza. It-tħassib taċ-ċittadini kien ikkonfermat minn mistoqsijiet ta' sikwit tal-PE u minn korrispondenza pubblika matul il-perjodu ta' rappurtaġġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jeżaminaw din il-kwistjoni biex iġibu 'l quddiem il-parteeċipazzjoni ta' ċittadini Ewropej fil-ħajja politika tal-pajjiż tagħhom ta' residenza.

4.5. Drittijiet elettoralijiet f'elezzjonijiet muniċipali

Fl-aħħarnett, fir-rigward ta' drittijiet elettoralijiet f'elezzjonijiet muniċipali, id-Direttiva 94/80 kienet adattata mid-Direttiva 2006/106 li żiedet referenzi lil unitajiet bażiċi ta' gvern lokali ta' l-Istati Membri l-ġodda.

5. PROTEZZJONI DIPLOMATIKA U KONSULARI

L-*acquis* fil-qasam tal-protezzjoni diplomatika u konsulari huwa limitat ħafna. Barra d-Deċizzjoni 96/409/CFSP dwar il-ħolqien tad-dokument ta' vvjaġġar ta' emerġenza, huwa jikkonsisti mid-**Deċizzjoni 95/553 dwar il-protezzjoni għal ċittadini ta' l-UE permezz ta' rappreżentazzjonijiet diplomatiċi u konsulari** li daħlet fis-seħħ biss f'Mejju, 2002, minħabba l-proċeduri leġiżlattivi kumplikati meħtieġa għall-adozzjoni tagħha fi Stati Membri.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar iċ-ċittadini ta' l-Unjoni qeġħdin jivvjaġġaw lejn pajjiżi terzi u jgħixu fihom. L-EUROSTAT²² ikkalkulat li n-numru ta' vjaġġi magħmula fl-2005 lejn destinazzjonijiet barra mill-UE huwa ta' madwar 80 miljun. Nofs iċ-ċittadini ta' l-UE jaħsbu li se jivvjaġġaw lejn pajjiżi terzi matul it-tliet snin li ġejjin.²³ **Ir-rappreżentazzjoni limitata ta' l-Istati Membri** fil-pajjiżi terzi (f'107 minn 166 pajjiżi terzi huma rrappreżentati mhux aktar minn 10 Stati Membri) u l-esperjenza miksuba minn kriżijiet riċenti (jiġifieri z-zunami Ażjatiċi u l-kriżi tal-Libanu) urew li hemm spazju għat-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet konsulari u diplomatiċi.

Wara l-adozzjoni tal-**Green Paper** tal-Kummissjoni **dwar il-protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi**²⁴ fit-28.11.2006, il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni għas-snin 2007-2009²⁵ li jipproponi serje ta' miżuri għat-titjib ta' din il-protezzjoni u Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri sabiex jinkludu t-test ta' l-Artikolu 20 fil-passaporti²⁶.

6. ID-DRITT TA' PETIZZJONI LILL-PE U TA' APPLIKAZZJONI LILL-OMBUDSMAN

Ċittadini ta' l-Unjoni, kif ukoll kull persuna naturali u ġuridika li tirresjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandhom id-dritt li **jagħmlu petizzjoni lill-PE** dwar kwistjoni li taqa' fl-isfera ta' attività tal-KE u li tkun tinteressa direttament lil min

²² Bank tad-*data* dwar il-popolazzjoni, sezzjoni dwar it-turiżmu. Id-*data* tinkludi l-vjaġġi ta' vaganza jew tan-negożju ta' aktar minn ġurnata waħda fl-2005.

²³ Eurobarometer Nru 118 ta' Lulju 2006.

²⁴ COM(2006)712

²⁵ COM(2007)767 finali

²⁶ C(2007)5841 finali

jagħmel il-petizzjoni (l-Artikoli 21 u 194 KE). Il-PE rċieva 1002 petizzjoni fl-2004 (li 623 minnhom kienu ammissibbli), 1032 petizzjoni fl-2005 (628 ammissibbli) u 1021 petizzjoni fl-2006 (667 ammissibbli). Bejn kwart u terz tal-petizzjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri ta' ksur jew li jagħtu lok għalihom.

Lmenti jistgħu jintbagħtu wkoll lill-Ombudsman Ewropew dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet jew korpi Komunitarji (l-Artikoli 21 u 195 KE). L-Ombudsman kompla jara żieda fl-ilmenti, l-aktar minħabba l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda: 3726 ilment waslu fl-2004, 3920 fl-2005 u 3830 fl-2006. Maġġoranza kbira ta' lmenti komplew jitqiesu li ma jaqgħux fil-mandat ta' l-Ombudsman jew jitqiesu inammissibbli, waqt li l-maġġoranza vasta tagħhom (medja ta' 94.5% matul il-perjodu 2004-2006) jintbagħtu minn individwi.²⁷

Bid-Deċiżjoni 2005/46, il-PE ta lil M. Diamandouros it-tieni mandat fil-kapaċità tiegħu ta' Ombudsman Ewropew, mill-11 ta' Jannar, 2005.

7. TRATTAMENT UGWALI FUQ BAŻI TA' ĊITTADINANZA

L-ECJ qatgħet diversi sentenzi importanti²⁸ f'dan il-qasam matul il-perjodu ta' referenza. Fakkret li **ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni hija destinata li tkun l-istatus fundamentali ta' ċittadini ta' Stati Membri** biex biha dawk li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni jkunu jistgħu jgawdu mill-istess trattament skond il-liġi, indipendentement miċ-ċittadinanza tagħhom, suġġetti għal dawk l-eċċezzjonijiet li jissemmew espressament, u li ċittadini legalment residenti fi Stat Membru jistgħu joqogħdu fuq l-Artikolu 12 tal-KE fis-sitwazzjonijiet kollha li jaqgħu fl-ambitu materjali tad-dritt tal-KE, inklużi dawk li jinvolvu d-dritt tal-moviment u r-residenza b'mod liberu fi Stat Membru ieħor.

Id-dritt għal trattament ugwali kompla ġie ċċarat bid-**Direttiva 2004/38**. L-Artikolu 24(2) jippermetti żewġ eċċezzjonijiet għal din ir-regola: matul l-ewwel tliet xhur ta' residenza jew għal perjodu itwal għal min ikun qed ifittex ix-xogħol, l-Istati Membri m'humiex obbligati li jagħtu d-dritt għall-għajnuna soċjali lil ċittadini ta' l-Unjoni ħlief lil dawk li jkunu ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom jew li jżommu dak l-istatus jew lil membri tal-familja tagħhom. L-Istati Membri m'humiex obbligati li jagħtu għajnuna f'manteniment għal studji li jikkonsistu f'għotjiet lil studenti jew f'self lil studenti, qabel il-kisba tad-dritt ta' residenza permanenti, lil dawn l-istess persuni.

Fil-kawża *Garcia Avello*²⁹ l-ECJ ddeċidiet li l-Artikoli 12 u 17 KE ma jippermettux lill-awtoritajiet nazzjonali li jirrifjutaw li jagħtu applikazzjoni għal bdil ta' kunjom magħmula f'isem ċittadini minuri ta' l-Unjoni b'ċittadinanza doppja biex dawn ikunu jistgħu jgħibu l-kunjom li għalih ikunu intitolati skond il-liġi u d-drawwa tat-tieni Stat Membru ta' ċittadinanza tagħhom. Il-Kummissjoni eżaminat miżuri adottati minn xi Stati Membri biex ikunu konformi mas-sentenza u f'dan ir-rigward fetħet tliet proċeduri ta' ksur bejn Ottubru 2005 u 2006.

²⁷ Ir-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman Ewropew jidher f'<http://www.ombudsman.europa.eu/report/en/default.htm>

²⁸ Ara b'mod partikulari l-Kawżi C-456/02, Trojani u C-209/03 Bidar

²⁹ C-148/02

8. BIEX ID-DRITTIJJET TAĊ-ĊITTADINI JKUNU EFFETTIVI

Korrispondenza li tasal mingħand ċittadini tikkostitwixxi mezz vitali biex isiru magħrufa vjolazzjonijiet tal-liġi tal-KE mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tkompli tirċievi għadd kbir ta' mistoqsijiet imsejsa fuq vjolazzjoni allegata tad-drittijiet tagħhom, l-aktar id-dritt tal-moviment liberu. Waqt li d-drittijiet tal-moviment u r-residenza b'mod liberu huma aktarx tnejn mill-aktar drittijiet tanġibbli disponibbli għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni, l-għadd kbir ta' awtoritajiet nazzjonali li jħossu li għandhom jillimitaw drittijiet bħal dawn (minn gwardji tal-fruntieri għal awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni u għal kunsilli lokali) ifisser li l-implimentazzjoni tad-dritt tal-KE hija ta' sikwit imqallba ma' l-UE kollha.

F'dan ir-rigward, għandu jissema' s-suċċess tal-mekkaniżmu **SOLVIT**,³⁰ imwaqqaf mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'Lulju 2002. SOLVIT jgħin lil ċittadini u lin-negozji Ewropej biex isibu soluzzjonijiet ta' malajr u prattiċi għal problemi li jinqalgħu mill-applikazzjoni ħażina tal-liġijiet tal-KE minn amministrazzjonijiet nazzjonali f'perjodu ta' skadenza ta' għaxar ġimgħat. Inħolqu ċentri ta' SOLVIT fis-27 Stat Membru, kif ukoll fl-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja. Iċ-ċentri kollha huma parti mill-amministrazzjonijiet nazzjonali waqt li l-Kummissjoni timmonitorja u tiffaċilita x-xogħol tan-netwerk.

Sa mit-twaqqif ta' SOLVIT, il-fluss ta' każijiet tagħha żdied minn 12 għal 70 każ ġdid kull xahar. Ir-rata medja ta' riżoluzzjoni hija ta' madwar 80% u ż-żmien għall-kontroll tal-każijiet matul il-perjodu 2004-2007 kien ta' madwar 65 jum kalendarju. Il-maġġoranza ta' l-ilmenti (66%) jintbagħtu minn ċittadini u huma dwar drittijiet ta' residenza, viża, sigurtà soċjali, rikonossiment ta' kwalifiki professjonali u tassazzjoni. SOLVIT qed jaqdi l-funzjoni tiegħu tajjeb ħafna iżda l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċentri nazzjonali tagħhom ta' SOLVIT ikollhom persunal biżżejjed, li mhux il-każ bħalissa fi kważi nofs iċ-ċentri.

Waqt li l-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-applikazzjoni uniformi tal-liġijiet tal-KE mill-Istati Membri u tuża s-setgħat tagħha skond l-Artikolu 226 tal-KE biex tħeġġeġ lill-Istati Membri jkunu konformi mal-liġijiet tal-KE malajr kemm jista' jkun, hija tkompli tinkuraġġixxi mekkaniżmi ta' riżolviment ta' tilwim alternattivi li jistgħu jkunu partikularment effettivi, effiċjenti u anqas kumplikati għar-riżoluzzjoni tal-problemi taċ-ċittadini.

9. ĊITTADINANZA U DRITTIJJET FUNDAMENTALI

Il-Kummissjoni tqiegħed id-drittijiet fundamentali fil-qalba tal-politika kollha tagħha. F'dan il-kuntest, sa mill-2004 l-**Grupp ta' Kummissarji dwar Drittijiet Fundamentali, Anti-diskriminazzjoni u Opportunitajiet Indaqs** ilu jmexxi l-politika u jiżgura l-koerenza ta' inizjattivi tal-Kummissjoni f'dawk l-oqsma, kif ukoll fil-qasam ta' l-integrazzjoni tal-minoranzi.

Waqt li kważi d-drittijiet kollha stabbiliti fil-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE** m'humiex limitati għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni, ċerti drittijiet huma marbutin maċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni, i.e. drittijiet elettorali (l-Artikoli 39 u 40), id-dritt tal-moviment u r-residenza b'mod liberu (l-Artikolu 45) u d-dritt tal-protezzjoni diplomatika u konsulari (l-Artikolu 46).

³⁰ Ara <http://ec.europa.eu/solvit> u r-rapport SOLVIT Annwali SEC (2007)585

9.1. Id-Drittijiet Fundamentali u l-Programm dwar iċ-Ċittadinanza 2007-2013

Il-Kunsill ħoloq strument importanti fil-qasam taċ-ċittadinanza fid-19 ta' April 2007, meta adotta d-**Deċiżjoni 2007/252/KE li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku 'Drittijiet fundamentali u Ċittadinanza'** bħala parti mill-programm Ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja'³¹. Il-Programm jagħti spinta għda lid-drittijiet fundamentali u lill-politika dwar iċ-ċittadinanza tal-KE, peress li wieħed mill-għanijiet tiegħu huwa l-promozzjoni ta' soċjetà Ewropea msejsa fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet li joħorġu miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni. Finanzjament Komunitarju skond il-Programm jista' jkun jew f'għamla ta' għotjiet jew permezz ta' kuntratti ta' ksib pubbliku.

9.2. L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali

L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali nħolqot fl-1 ta' Marzu 2007³², u ssostitwixxiet iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ fuq ir-Razziżmu u l-Ksenofobija. L-għan ta' l-Aġenzija huwa li tingħata għajnuna u tagħrif espert dwar drittijiet fundamentali lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Komunità u lill-Istati Membri tagħha fl-implimentazzjoni tal-liġijiet tal-KE. It-tliet xogħlijiet ewlenin tagħha għandhom x'jaqsmu ma' l-informazzjoni u l-kollezzjoni tad-*data*, analiżi u tixrid ta' tagħrif, il-formulazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' pariri u rapporti u l-inkuraġġiment tad-djalogu u t-tkabbir ta' għarfien mas-soċjetà ċivili.

³¹ ĠU L 110, 27.4.2007, p. 33, *corrigendum* ĠU L 141 tat-2.6.2007, paġna 83.

³² Ir-Regolament (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007.